


# Lejn il-50 Sena mill-ftuħ tal-Knisja tagħna

Randolph Scerri

## Il-Ħamrun

Bħal ma ġara mill-irħula kollha ta' Malta, hekk il-Ħamrun, minn post minsi u ta' ebda importanza llum sar subborg prinċipali u ta' importanza kbira. Fiż-żmien l-antik meta l-ftit bini li kellu aktarx f'dik il-parti tal-Blata l-Bajda, li allura kienet aktar viċin lejn is-swar tal- Belt, illum il-bini tal-Ħamrun laħaq il-fruntieri kollha tal-ġirien tiegħu. Hekk insibu li l-Ħamrun ingħaqad ma' Santa Venera, Birikirkara, Ħal Qormi, il-Marsa, tal-Pieta' u Gwardamanġa. Sa 20 sena qabel ma nbniet il-Knisja ta' San Gejtanu u saret Parroċċa, jiġifieri fl-1881, il- popolazzjoni tal-Ħamrun kienet tlaħħaq biss 1,578. Imbgħad disa' snin wara nsibuha li ġa kienet saret mas-6,120. Fl-1931 il- popolazzjoni laħqet 22,086 u aktar tard laħqet iċ-ċifra favoluża ta' 26,000 ruħ meta fiż-żmien il-gwerra ħafna nies mill-ibliet tan-naħa l-oħra ġew hawn biex jiskartaw mill-ħidma qerrieda tal-għadu.

## L-Ewwel Kappella



Waħda mill-parroċċi li ħarġu minn dik ta' San Gejtanu, iżda li baqgħet ħaġa waħda fil- Ħamrun, kienet dik tal-Kunċizzjoni li fuqha qegħdin niktbu dan l- artiklu. Din il-knisja saret Parroċċa fl-1 ta' Jannar, 1968. Bħal ma kienet drawwa dawk iż-żmien, ħafna familji tagħna, kienu jżommu fid-dar tagħhom xi post, anke rokna ddedikata lill-Madonna jew lil xi qaddis u fil-bżonnijiet tagħhom kienu jirrikorru lejhom bl-akbar fidi u semplicita'. Il-familja ta' Pawlu Burlo' kienet waħda minnhom. L-għaxqa ta' Pawlu, meta kien għadu tfajjel ċkejken kienet li flimkien ma' missieru Franġisku kien iżejjen, jarma u jżarma l-artal ta' kappella ċkejkna li kellhom fid-dar tagħhom. Meta Pawlu bħal żgħażagħ oħra ħa l-istat tiegħu u żżewweġ lis-Sinjorina Karmena, l- ewwel ħsieb li ġieh f'rasu kien li hu wkoll ikollu kappella żgħira fid- dar tiegħu, fi Triq Vitale, il- Ħamrun, numru 20. Billi din id- dar kienet żgħira, Pawlu għamel din il-kappella taħt it-taraġ u ddedikaha lill-Immakulata Kunċizzjoni, li lejha kellu devozzjoni speċjali. Kien iżejjinha u jarmaha mill- aħjar li seta' u kull filgħaxija, flimkien mal-mara tiegħu u mal-erba' ulied li kellu kienu jinġabru flimkien u hemm kienu jgħidu r-Rużarju bl-akbar qima.

Fix-xahar ta' Mejju tal- 1920, Pawlu, li allura dak iż-żmien kellu mat-43 sena, ġietu l-idea li għal dan ix-xahar ta' Mejju jistieden lit-tfal tal-inħawi ta' daru, biex flimkien mal-familja tiegħu, jgħidu r-Rużarju f'din il-kappella ċkejkna li kellu d-dar. It-tfal laqgħu bil-ferħa din l- istedina u baqgħu jmorru għand Pawlu tul ix-xahar kollu ta' Mejju. Meta dan ix-xahar wasal fi tmiemu, Pawlu xtaq li jferraħ lil dawn it-tfal u biex iħajjarhom għal sena oħra, għamlilhom bħal festin żgħir. Huwa żejjen aktar l-artal ta' din il-kappella għal din l-okkażżjoni, lestilhom ħafna ħelu u saħansitra ġibilhom id-daqq f' daru stess. Wara li qalu r-Rużarju u ħafna innijiet lill-Madonna, huwa ittrattahom bil-ħelu u xorb. Ma naqasx ukoll li jixgħel it-twieqi u l-bieb tad-dar tiegħu, ħalli jiġbed l-attenzjoni anke tal-kbar. Fis-sena ta' wara, it-tfal ma naqsux li jerġgħu jmorru għand Pawlu għar-Rużarju fix-xahar ta' Mejju anzi magħhom kienu ħadu lill-ħbiebhom u xi wħud anke bil-ġenituri tagħhom, tant li mhux biss kellhom jintrassu biex joqgħodu f'dak il-post ċkejken, iżda mlew ukoll kmamar oħra fid–dar tiegħu.

*ikompli f'paġna 17*

# L-Oratorju Immakulata Kunċizzjoni

Meta Pawlu ra li ċ-ċokon tal-kappella tiegħu ma kienx qed iħalli nies oħra li jiġu u jgħidu r-Rużarju miegħu, huwa fittex post ieħor u rnexxielu jikri terran fl-istess triq biex jużah għal dan l-iskop biss. U billi fix-xhur li ġew wara, mhux biss it-tfal bdew imorru għand Pawl għar-Rużarju, huwa ħaseb biex xi ħadd jibda jagħmlilhom ħsieb spiritwali kuljum, kif kienet drawwa wkoll f'dawk iż-żmienijiet fil- knejjes. Għal dan il-għan kien ingħażel il-Kjeriku Karmenu Gatt li allura kien maħtur speċi ta' Direttur Spiritwali ta' din il-kappella. Meta fl-aħħar ta' dan ix-xahar tas-sena 1923, Pawlu talab lill-kappillan, Dun Ġużepp Muscat, biex jagħmel festa sewwa u akbar iżda billi din kienet se tkun ħaġa pubblika l-kappillan qallu biex imur jitlob permess mill-Kurja. Pawlu nkariga lis-Sur Campell għal din il-biċċa xogħol, u dan qdieh bil-qalb kollha. Barra li ġablu l-permess li ried, l-Isqof, l-E.T. Mons. Portelli kien qallu wkoll biex din il-Kappella tibqa' miftuħa għall-pubbliku, meta sar jaf bil- ġid li qed isir fiha. Meta l- kappillan sar jaf b'dan, mar hu stess fuq il-post l-Oratorju tal-Immakulata Kunċizzjoni. Minn hemm baqgħet isseħħ u tikber din id-devozzjoni fl-inħawi tal-Parroċċa tagħna. Fl-1 ta' Ġunju 1925 l-Isqof stess kien qaddes f'dan il-post. Is-sena 1958 nistgħu ngħidu li kienet waslet fi tmiemha l-Oratorju kif konna nafuħ aħna għax issa kienet issaqqfet il-parti ta' taħt il-Knisja tagħna u billi din kienet ikbar mill- Oratorju, allura l-quddies u l-funzjonijiet bdew isiru hemm taħt, sakemm inbniet il- knisja tagħna u allura kollox ġie ttrasferit hemm.

# Il-Frott tal- Oratorju

Il-ġid li ħareġ minn din il-ħidma ta' dan l- Oratorju ħadd ma jista' jkejlu ħlief Alla biss, iżda aħna billi bħala bnedmin naraw dak li jiġri quddiem għajnejna ma nistgħux ma nsemmux dak li nafu aħna. Insemmu tant it-tfal kemm l-abbatini li kienu jservu f'dan l-Oratorju, li ma tantx kellhom min jieħu ħsiebhom bħal ma jiġri mal-abbatini tallum. Dawn it-tfal u dawn l-abbatini ħafna minnhom ħallewna, oħrajn ħadu l-istat tagħhom u llum insibuhom kapijiet tal-familja u saħansitra xi wħud minnhom għadhom jaħdmu anke fil-parroċċa tagħna.

# Retturi tal-Oratorju



Dejjem kien hemm xi retturi li ftit jew wisq kollha taw sehem tagħhom biex mexxew dan l- Oratorju fil-mixja tiegħu ta' kważi erbgħin sena. Fost dawn insibu, kif jidhru wara xulxin, lil Dun R.Farrugia, Dun Karm Gatt, il-Kan J.M Aquilina u fl-aħħar iżda mhux l-inqas insibu lil Dun Edgar Vella Anastasi, li ġietu l-idea sublimi li jibni l-knisja tagħna. Meta dan il-ħabrieki saċerdot inħatar rettur tal-Oratorju fit- 8 ta' Novembru 1950 mal-ewwel induna bil-ħtieġa u responsabilita' li kien ħa fuq spallejh, anke għax Pawlu issa kien miet (30.10.1950) u allura x-xogħol x-xogħol kollu kien fuqu, huwa kien ta ruħu għal dan ix-xogħol b'ruħu u ġismu u anke bil-but tiegħu. Sa mill-bidu tal-kariga tiegħu huwa kien induna li l-Oratorju kien sar żgħir wisq għal dawk in-nies kollha li kienu qegħdin jiffrekwentawh, speċjalment li issa din in-naħa tal-Hamrun kienet qed tiżviluppa ħafna u malajr kien tela' ħafna bini ġdid u ħafna familji ġodda kienu ġew joqgħodu hawn. Allura Dun Edgar, kif kulħadd kien jafu, xtaq li jibni kappella akbar ħalli n-nies ikunu aktar moqdija spiritwalment u fil-wisa'.

# Il-Proġett tal-Knisja l-Ġdida.

Malli ġieh dan il-ħsieb f'rasu, Dun Edgar ma qagħadx jitlef żmien u malajr wera b'dan il- proġett lill-awtorijtajiet konċernati. Ma kienetx biċċa xogħol taċ-ċajt u li żgur kienet ser tqum ħafna flus. Iżda dan il-ħabrieki saċerdot imqanqal mill-imħabba lejn il-Madonna u mħeġġeġ min-nies li kollha ħassew il-bżonn ta' din il-Knisja, huwa ta ruħu għal dan ix-xogħol b'żelu mhux komuni. L-ewwel ma kellu bżonn bla dubju kienu l-flus. Kien jagħmel minn kollox biex jiġborhom. Kuljum kont issibu jiġri fit-toroq ta' dawn l-inħawi u jittallab lin-nies ħalli jgħinuh. Kien jagħmel nofs ta' nhari sħaħ fil-kantuniera tal- Oratorju, fix-xemx u x-xita, ibiegħ il-biljetti tal-lotterija, insomma kien qed jagħmel minn kollox biex ikollu l-flus f'idejh sabiex jibda l-proġett.

*ikompli f'paġna 19*





Malli kien ġabar somma mhux ħażin, huwa ma riedx jitlef żmien aktar u bil-għajnuna li tagħtu l-Kurja, bil-flus li ġabar u anke b'xi ħaġa tiegħu personali huwa ta bidu għal dan ix-xogħol. L-ewwel ma' għamel xtara biċċa art ta' 103 qasab fi Triq Lord Lloyd, ftit passi biss bogħod mill-Oratorju mingħand is-Sur Pawlu Grixti għall-prezz ta' Lm108 bl-atti tan-Nutar John Tabone Adami fil-24 t'April, 1957. Id-disinn tal-knisja l-ġdida sar minn Guże` Damato, bil-Perit Karmenu Cumbo jiffirma l-pjanti. Malli nbeda x-xogħol il-flus miġbura spiċċaw fix-xejn u hawnhekk Dun Edgar kellu jirrikorri għand l-Awtoritajiet tal-Knisja ġewwa l-Kurja. Fl-10 ta' Diċembru 1958 Dun Edgar kien ingħata self ta' Lm 3,000 sabiex imbagħad fil-25 ta' Jannar tal-1961 u kien ġie misluf Lm 5,000 oħra. L-ewwel xogħol li kien sar kien it-tħaffir tal-blat. Malli dan kien lest kienet inbniet u ssaqfet is-sala ta' taħt il-knisja u malli din kienet lesta beda jsir il-quddies, l-ewwel fil-Ħdud u l-festi u aktar tard anki dak ta' kuljum. Minn hawnhekk il-quddiem l-Oratorju ċeda postu għal sala akbar, wara diversi snin ta' ħidma għas-servizz lill-komunita`. Aktar tard din is-sala ssemmiet propju għal Dun Edgar.

Fit-23 ta' Marzu 1958, waqt ċerimonja sabiħ u fil-preżenza ta' E.T. l-Isqof Emmanuel Galea, Dun Mattew Chircop, il-Kanonku Micallef, Dun Gużepp Aquilina u Dun Edgar Vella tqegħdet l-ewwel ġebla ta' dan it-tempju l-ġdid. Il-parrinijiet kienu l-Kavallier Antonio Theuma u s-Sur Antonio Bezzina. Waqt din l-okkażjoni ġew ukoll esposti għall-pubbliku l-pjanti ta' dan il-proġett meraviljuż li kellu jwassal għall-bini ta' din il-knisja. Minkejja l-problemi u d-diżappunti l-knisja bdiet tiela' aktar malajr milli wieħed kien qed jistenna. Hija verament ħasra li Dun Edgar Vella ma rax lil dan il-proġett jintemm, wara tant snin ta' ħidma u sagrifiċċji kbar. Dun Edgar miet fl-20 ta' Novembru tal-1962 wara li kien ilu aktar minn tnax-il sena rettur. Kulħadd kien jaf li hu kien marid iżda ħadd qatt ma stenna li l-mewt kienet daqshekk fil-qrib. Postu ħadu Dun Gużepp Mifsud Bonniċi li aktar tard sar ukoll l-ewwel kappillan tal-parroċċa.



Fil-bidu t'Awwissu tal-1963 ix-xogħol tal-bini kien lest u fis-16 tal-istess xahar waqt ċerimonja sabiħa, il-knisja tbierket mill-E.T. l-Isqof Emmanuel Galea. Dakinhar tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-altar li kien mogħti ftit qabel lill-knisja mis-Sur Antonio Theuma. Tlett ijiem biss wara, fid-19 tax-xahar l-għadam tal-Qaddisin Kletu u Giokonda gew trasportati mill-Parroċċa ta' San Gejtanu għal din il-knisja fejn imbagħad fl-20 t'Awwissu, l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi ikkonsagra lil dan l-istess altar. Fl-1 ta' Lulju 1966, l-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni saret Viċi-Parroċċa tal-Parroċċa ta' San Gejtanu, b'digriet maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar il-15 ta' Ġunju 1966. Imbagħad b'digriet ieħor din id-darba maħruġ fit-28 ta' Dicembru 1967, il-Kurja ta' Malta ħabbret it-twaqqif ta' din il-parroċċa, taħt it-titolu tal-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI TAL-VERĠNI MARIJA. Dan id-digriet ġie fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar tal-1968. B'hekk il-knisja tal-Kunċizzjoni saret Parroċċa bit-territorju tagħha meħud il-biċċa l-kbira mill-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun u partijiet żgħar mill-parroċċa ta' San Gużepp tal-Imsida.

Din l-istorja tibqa' għal qalbna aħna li għadna hawn ingawdu l-frott ta'qabilna. Meta nħarsu lura u naraw kif issawret il-Parroċċa tagħna nħossu li għandna l-ewwel inroddu Ħajr lil Alla, għajn ta' kull ġid, lil Ommna Marija, Imnissla mingħajr Tebgħa, Patruna Ħelwa tal-Parroċċa tagħna u mbagħad lill-benefatturi kollha li b'mod jew ieħor, bil-ħidma jew bil-għajnuna – taw is-sehem tagħhom fil-ħajja tal-Parroċċa. U lil dawk li jiġu warajna ngħidulhom kelma ta' inkuraġġiment u ta' tħeġġiġa. Dak li beda u ssawwar fl- ewwel snin ta' ħajja, huwa dmir tagħhom li jsaħħuħ u jsebbħuħ.

*Dettalji meħudin mill- ktieb li kienet ħarġet il- Parroċċa tagħna fl- egħluq 10 snin tagħha.*
28 mejju 1988. Konsagrazzjoni tal-knisja (slaleb u altar u knisja ).
45 sena parrocca
1963 ftuh tal-knsija u onsagrazzjoni tal-altar maggur